MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2003

Numru. 99/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs-**

**CARMEL SPITERI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat CARMEL SPITERI bin Gregory u Lisa nee Hili, li joqghod 'Joseph Calleja Flats', Flat 1, Triq il-Madonna tal-Karmnu, Xlendi detentur tal-karta tal-identita numru 5078G, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghaxra ta' Marzu 2003 bejn l-ghaxra neqsin kwart u l-ghaxra w kwart ta' filghodu minn fuq il-bahar bejn Ghawdex u Malta u/jew fl-Imgarr ix-Xini limiti ta' Sannat, Ghawdex;

(a) Matul l-istagun maghluq ghal kacca tal-ghasafar kemm minn fuq il-bahar kif wkoll minn fuq l-art, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasafar fosthom kwantita ta' *Garganeys*;
(b) Talli f'distanza sa tlett kilometri jew inqas mill-kosta, minn fuq *speed boat* numru S-9002 ikkaccja jew ipprova jikkaccja;
(c) Talli garr fuq il-bahar filwaqt li kien inqas minn tlett kilometri mill-kosta kif wkoll f'Imgarr ix-Xini, Sannat, Ghawdex, munizzjoni u senter tal-marka Escort numru 015548, ikkargat u/jew bl-iskratacc fil-magazine u/jew barra mill-ghata tieghu;
(d) Talli kkaccja jew ipprova jikkaccja minn fuq *speed boat* numru S-9002 meta ma kellux licenzja ghal dan l-iskop mill-Kummissarju tal-Pulizija;
(e) Talli kellu fil-pussess tieghu senter licenzjat biex jintuza ghal kacca b'magazine li jista jkollu aktar minn zewg skratacc fl-istess hin;
(f) Talli kkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasafar b'mezzi elettronici u cioe bl-uzu ta' tisfir ta' ghasafar registrat [*pre-recorded bird calls*];
(g) Talli fl-istess data, hin u postijiet, kellu fil-pussess tieghu, spara jew uza skratacc ikkargati b'comb ta' daqs aktar minn 3.2 mm f'dijametru;
(h) Talli bhala persuna licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jzomm jew igorr munizzjon u senter numru 015548 ghal skopjiet ta' kacca, naqas li jzomm l-istess senter u munizzjon fil-kustodja tieghu b'tali mod li setghu jigu f'idejn haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 25(2)(a) u 3(a) tal-Avviz Legali 41/2003.

Rat l-artikoli tal-ligi Avviz Legali 41/2003, artikolu 2(a)(i)(c), artikolu 9(g)(ii)(aa), artikolu 9(1)(a)(f) (iii), artikolu 9(1)(g)(v), artikolu 9(2)(b), artikolu 13(1)(b), artikolu 19, artikolu 8(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, u cioe lil PS 1346 jghid li huma tkellem mal-imputat u qallu li l-ispeed boat numru S-9002 hija proprjeta ta' Saviour Grima u li kien qed jzommha fil-garaxx ta' missieru. Huwa

qal li ma jafx minn spara ghaliex hu ma kien Imgarr ix-Xini 'l hin kollu. Huwa spjiega li l-landa ta' skratacc misjuba mill-Pulizija gabuha shabu minn Malta waqt li l-*bird caller* li sabu l-Pulizija kienet god-dghajsa li tappartjeni lil Saviour Grima. Huwa kien ser johrog biod-dghajsa maghhom ghall-ewwel darba. Huwa stqarr mieghu li in effetti kien qatel sitt papri dakiinhar u li s-senter tal-ghamla Escort numru 015548 bil-magazine li kellu sebgha skratacc huwa proprjeta tieghu li licenzjat fuqu. Huwa ppresenta dan is-senter l-Qorti.

L-Ispettur Antonello Grech xehed li l-imputat huwa licenzjat biex jzomm w igorr fl-art s-senter tal-ghamla Escort bin-numru 015548.

PC 1170 xehed li kien hu li ha sehem fit-tfittxija f'Imgarr ix-Xini u sab hames snieter go *pouch*, *bird caller* u landa mimlija skratacc. Huwa gharaf dawn l-oggetti l-Qorti b'mod partikolari ghamel referenza ghal arma tal-imputat.

Illi d-Difiza sostniet li dak li qal l-imputat lil Ufficjal tal-Pulizija ma jikkostitwix prova peress li mill-atti ma jirrizultax li nghata twissija.

Il-Qorti kif diga kellha okkazzjoni tesprimi ruhha f'sentenzi ohra moghtija llum fl-ismijiet Il-Pulizija v Carmelo Magro u Il-Pulizija v Michael Cutajar, sostniet li ma hux necessarju sine qua non li tinghata twissija basta pero l-istqarrija, u f'dan il-kaz il-konfessjoni hija wahda voluntarja.

PS 1346, meta mistoqsi jekk tax t-twissija, wiegeb li ma kienx hemm bzonn ghaliex l-imputat tkellem b'mod voluntarju u minn jeddu u mhux ghaliex gie mistoqsi.

Illi ghalhekk dak li qal l-imputat jammonta ghal konfessjoni fit-termini tal-ligi u jikkostitwixxi prova fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati, tiddikjara li ssib lil imputat CARMEL SPITERI hati tal-ewwel (1), tal-hames (5), tas-sebgha (7) u tat-tmien (8) akkuza u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin [LM 200] u tiddikjara li

ma ssibux hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba (4) u tas-sitt (6) akkuza u tilliberah minnhom.

Oltre dan tordna li s-senter esibit f'dawn l-atti jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------